// # IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

**Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.**
*Giebha żeũġ dac li għaraf ħailat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**127.** | **4 ta' FRAR 1911.** | **IT-TIELET SENA**

FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ũara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeũ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eũũel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'lgazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**

## L-Ilsien Taljan f'Malta.

(*Jissocta minn numru ta kabel.*)

Mort ũara għand il Marchis Adriano Colocci, dac il bniedem tant intelligenti u ħelu daks li jħobb lilna il Maltin u li chien ũieħed m'il ħbieb għeżież ta'l mibchi Avucat Fortunatu Mizzi. Dana hu bin is-Senatur Colocci ta' Jesi, u għalhecc ma hux skalli iżda fjorentin għad li dic il ħabta chien Direttur ta'l Cumpannija ta'l Vapur-ta'l-art li jdur ma dũar l-Etna u li għalhecc hi imsejjħa «*Circumetnea*.» Barra minn dana hu chittieb m'il aħjar u għamel traduzjoni m'il latin ta'l poeta Petronju li taħħarha cull min jifhem. Is-Sultan ta'l Italja jgibu ũisk u meta mar darba għall caċċa fi Lvant chien ħadu miegħu.

Jiena katt ma ninsa chemm lakagħni tajjeb f'il Villa sabiħa li chellu f'Ognina u chemm għaddeũ ħiena is-siegħat li kattajna fl-imchien f'il ftit granet li bkajt hemm u meta daũũarni ma' dũar l-Etna bla spejjes ta' xejn. Issa billi miet missieru u laħak Marchis hu mar jokgħod f'Bergamo u sa ftit granet ilu baka jibgħatli il gazzetti taljani li kiegħdin jictbu favur ta'l qũestjoni ta'l lingũa taljana f'Malta.

* * *

L-adesjoni tiegħu chienet din u li turi chemm jicteb tajjeb tasseũ: —

**« In una generazione frolla ed utilitaria, la questione Maltese spicca come una idealità ed una rampogna. E' il richiamo al Diritto nell'epoca della Forza — è il grido del Popolo in mezzo alle neghittosità compiacenti dei Governi. Per noi Italiani è appello caro e confortante, come di fratelli rimasi per secoli da noi separati e che da' flutti del mare chieggono di unirsi a noi contro un'oppressione ed invocano con la stessa nostra lingua aita di cuori e di energie.**

**ADRIANO COLOCCI.**

Jiena ġa għidtilcom li chien bi ħsiebu jibka tiela miegħi sa Ruma biex ijressakni kuddiem xi Deputati ħbieb tiegħu u li billi missieru chien *Senatore del Regno* chellu ħafna, u li ried li immur biex nagħmel il Conferenzi u jħallasli, flimchien ma' De Felice, l-ispejjes collha ta'l vjaġġ minn butu. Għal dakstant għad li il maũra tiegħu, imħabba f'il għejra ta'l għedeũũa tiegħi u ta'l poplu, ma inxtexxietx katt ma għandna inħassru minn ġo klubna it-tifchira għażiża ta' daũna it-tnejn minn'nies li riedu jagħmlu għall ġid ta' pajjisna dac li l-ebda ũieħed m'il patriotti-fantaruni li għandna ma ħolom katt li jagħmel.

* * *

Ħafna tajjeb ucoll chien lakagħni il Baruni Beneventano, f'il palazz famus li għandu f'il *Quattro Cantoni* ta' Catanja billi hu magħdud bħala l-actar bniedem għani ta' hemm u billi jgħidu li hu miljunarju. Dana chien il cap dic il ħabta ta'l partit monarchicu u għalhecc billi cont mort għand De Felice, cap ta'l partit ta's-Soċjalisti ma ridtx nonkos li ma immurx għand il Baruni Benevento u għand il Principe di Manganello li lakagħni tajjeb ħafna ucoll għad li ma laħakx għamilli l-adesjoni li chien ũiegħidni billi l-agħda ma stajtx immur m'il ġdid għandu chif conna bkajna.

Il Baruni Beneventano f'is-sala tiegħu li tista fiha tagħmel tiġrija deũũakni ftit minn dac l-imbit kadim li jagħmlulu m'id-dũieli tiegħu stess u li meta idduku darba ma tinsih katt u ũiegħid-

chen pajjis li ŭaka minn ġo't-tagen geŭŭa il ġamar. Il kuddiem nitħaddtu aħjar u ftit actar f'it-tul.

★

Caterin Spiteri, ta' 60 sena, x'ħin da'l ġranet chienet għaddejja minn fuk il ħadid ta't-Tram il Ħamrun giet mil-kuta u ŭara ftit siegħat mietet. Hemm bżonn li min ijmixxi it-trams jagħmel ftit ta'l attenzjoni actar għaliex daŭna id-disgrazzji kiegħdin jiġru spiss, m'hux id-Diretturi moħħhom biss chif ijgħallu it-Tram meta jcun maltemp u ma jaħdmux il-Laneċ. Biss f'da'l cas kalu li il *Conductor* ma chellux tort.

★

B'ferħ cbir sejjer inħabbrilcom illi is-Sur Neric Mizzi bin mibchi patriotta l-Avucat Fortunatu, gie maħtur bħala membru ta'l Cumitat li tŭakkaf f'Ruma biex ijmixxi il Congress Internazjonali ta'l Istampa li sejjer ijsir f'dic il belt f'Mejju li gej ma' tul l-Esposizjoni. Dana iż-żagħżugħ malti kiegħed tasseŭ jagħmlilna unur cbir fost il barrani u kiegħed tasseŭ juri chemm jisŭeŭ il Maltin meta f'loc f'nofs il għejra u il għerra ta' pajjishom ijsibu irŭieħhom f'nofs l-incoraggiment ta' ġnus oħra li jħarsu lejn il meritu ta' bniedem actar milli jħarsu lejn il personalità. Bravu Mizzi u il kuddiem dejjem.

★

L-Iskof ħareġ pastorali biex ijcun jista jittiechel il-laħam nhar San Paŭl, f'il 10 ta' dana, billi taħbat il gimgħa.

★

Bħala President ta's-*Società Operaja* ta' Tunes gie maħtur l-intelligenti u patriotta tabib malti, Dr. Giovanni Zammit, li chien ġa President kabel u li billi gieb ruħu tajjeb ħafna reggħu ħatruh m'il ġdid. Il Membri l-oħra huma:—Michele Borg, *Vici-President* m'il ġdid, Ang: Pisani, *Caxxier* m'il ġdid, I. Refalo, *Segretarju*, C Zammit, *Economu*, m'il ġdid, O. Manchè, M. Bayada u Ed: Pace *Cunsilieri*. Barra minn dina is-Società li hi miexja il kuddiem ħafna il Maltin ta' Tunes għandhom ucoll Cumpannija Filodrammatica li tati ħafna rappresentazjonijiet sbiħ b'il Malti f'is-Sedi ta's-Società 11, Rue de Grece—Nifirħulhom b'il kalb collha.

★

Daŭc collha li għadhom ma giebux in-« Naħla » illegata għall firma nitolbuhom li jagħmluh m'il actar fis ħalli incun nista inkassam f'dakka il premji li ŭiegħidt, Biss min illegaha kabel l-eŭŭel ta's-sena u min għandu imħallsa in-«Naħla» għandu dritt.

★

Nhar il Ħadd, 29 ta' Jannar, is-Sur Levanzin għamel is-sitt taħdita ta'l « PRO INFANTIA » il Gudja. Billi il Cappillan intelligenti u ħabriechi ta' hemm, Dun Alfons Gaŭci, għamel chemm sata dina il conferenza irnexxiet. ħafna ucoll u bosta nisa geŭ f'il misraħ biex semgħu it-tagħlim ta' fejda li għall siegħa sħiħa ferrkilhom is-Sur Levanzin b'malti safi safi li fehmu cullħadd. Tkassmu ucoll b'xejn ħafna carti b'il malti b'ħafna tagħlim meħtieġ u b'hecc il poplu, li ftit jeŭ ħadd ma jieħu ħsiebu, beda jsib min jlftaħlu għajnejh ħalli jibda jimxi il kuddiem bħal ġnus l-oħra ta'd-dinja.

★

Chif chien hemm is-Sur Levanzin fetaħ ucoll l-eŭŭel GRUPP IDISTA li tŭakkaf f'dac ir-raħal b'it-tħabric ta' Għejtan Grixti. Il President ta' dana il Grupp, li hu is-Sur Mercieca, is-Surmast ta'l Iscola ta'l Gvern ta'l Gudja u li hu żagħżugħ intelligenti u ħaŭtiel ħafna lakagħna f'daru u għamlilna trattament ħelu ħafna. Is-Sur Levanzin tchellem f'it-tul kaddiem il ħafna nies li chien hemm migbura, fosthom il Cappillan Gauci, u fehimhom għala l-Ido chien aħjar ħafna m'il Esperanto u kallhom li il Gudja, fl-Istorja ta'l Lingŭa Internazjonali, sejjra jcollha unur cbir li chienet hi l-eŭŭel ŭaħda f'dal gżejjer li bdiet dina it-triek ta' progress. Nitma li fi żmien kasir dac il Grupp jicber u jgħaddi ħafna il kuddiem ħalli jħajjar lill irħula l-oħra li jagħmlu bħalhom. Jiena irrid nirringrazjahom b'il kalb collha m'il lakgħa sabiħa li għoġobhom jagħmluli.

★

Dina il farca chienet composta għall gimgħa l-oħra iżda imħabba f'il ŭisa ma daħletx.

F'il «*Gazzetta di Malta*» fejn dehret l-eŭŭel ittra fuk l-affari ta't-telefonu ta'ż-Żejtun u li jiena gibt xi ħaġa fukha, dehret ŭara ucoll ittra ta't-Tabib Cassar ta'l istess raħal li minnha jidher li il Pulizija ma chellhiex dac it-tort li ried jitfa fukha l-eŭŭel ŭieħed. Għarrfuni ucoll li m'il Inchiesta li għamel is-Supraintendent ta'l Pulizija ma insabet l-ebda ħtija contra il Pulizija ta'ż-Żejtun chif conna għidna kabel. Dana kiegħed ingħidu għaliex jiena ma għandi l-ebda mibegħda lejn ħadd u għalhecc bħala ġurnalista indipendenti irrid insemmagħom iż-żeŭġ kniepen biex tcunu tafu is-seŭŭa fiema cheffa hu kiegħed.

★

Il Gvern għarrafna fl-aħħar seduta ta'l Cunsill li il Ministru ma fi ħsiebux jatina l-ebda tisŭija għall Costituzjoni ! ! ! Din bomba cherha tasseŭ ! X'jagħmlu il Cunsilieri ŭara din id-dakka ta' ħarta ?

# TLAKKIT.

L-eŭŭel ŭieħed li beda jagħmel l-avvisi f'il gazzetti chien it-tabib franciż Teofrastu Benandot, fl-1630. Dana ħalak uffiċċju imsejjaħ « *Bureau d'adresse et de rencontre* » biex jati lil min ijħallsu daŭc l-aħbarijiet u informazjonijiet li jcollu bżonn.

***

L-Egizjani antichi chienu jieclu il laħam ta'l gemel, ta'l ħmar, ta'l pellican, u ta'ċ-ċinju.

***

L eŭŭel tnejn m'in-nies li taru fl-ajru f'ballun chienu il franciżi Pilatre de Rozier u il Marchis D'Arlandes. Is-Sultan Luigi Sittax ma riedx li jħalli lil D'Arlandes li jitla fl-arja għax baża li jaka u jcun ħtija ta' meŭtu, iżda ried biss li l-eŭŭel tnejn li jitilgħu f'ballun ijcunu tnejn iccundannati għall meŭt. Ŭara ħafna taħbit is-Sultan ħallih u tala hu ma' De Rozier. Dana ġara f'il 21 ta' Ottubru 1783.

## SNIEN ! SNIEN ! SNIEN!

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso** resak b'id-dar tiegħu actar l-isfel f'il Pjazza ta' Raħal Gdid u għalhecc issa jokgħod seŭŭa seŭ kuddiem il għajn. Cull min ijfittxu għal kliegħ jeŭ għa'x-xogħol ta's-snien barranin li għalihom hu tant imfaħħar, ijsibu ŭara nofs inhar dejjem id-dar.

# Il Cnejjes ta' Malta

## CRONOLOGIJA.

*(Jissoctaŭ minn numru ta' kabel)*

Fl-1625 l-Iskof Cagliares gedded il cnisja u il monasteru ta' S. Pietru ta'l Imdina minn ġuta.

Fl-1682 il pittur Mattia Preti pinġa it-titular ta' dina il cnisja.

Fl-1833 giebu fiha il gisem ta' Santa Felicissima.

### Ir-Rabat.

Fl-1575 bdiet tinbena m'il ġdid il cnisja ta' San Paŭl.

Fl-1578 chienet lesta.

Fl-1683 imbniet dic li hemm fuk il pjanta ta' Lorenzu Gafà, minn flus is-Sinjura Gusmana Navarra.

F'il 21 ta' Settembru 1726 giet icconsagrata.

Fl-1678 il pittur malti Stiefnu Erardi pinġa it-titular.

F'il 25 ta' Jannar 1575 Mons. Duzina ŭakkaf f'dina il cnisja il Fratellanza ta's-Sagrament.

Fl-1504 imbniet il cnisja ta' Sant' Agata.

Fl-1670 reġgħet imbniet.

Fl-1575 Mons. Duzina ipprofana il cnisja ta' San Cataldu.

Fl-1745 reġgħet imbniet.

Fl-1477, Orlandu Zabbar ħalla xi flus biex tinbena il cnisja ta' San Bastjan.

Fl-1519 reġgħet imbniet.

Fl-1731 bneŭha m'il ġdid.

F'is-seclu sittax imbniet il cnisja Ta' Duna.

F'is-seclu tmintax imbniet it-tieni darba.

Fl-1736 imbniet il cnisja Ta's-Settifica.

Fl-1550 imbniet il cnisja ta' San Bartolomeŭ.

Fl-1600 l-eremita spanjol Ganni Beneguas gie jgħammar f'il Grotta ta' San Paŭl.

Fl-1610 dina il Grotta giet mifruda m'il cnisja ta' San Paŭl

Fl-1617 Ġanni Beneguas cieda dina il Grotta lil l-Ordni.

Fl-1748 il Gran Mastru Pintu irranġaha u, kiegħed fiha statŭa ta' San Paŭl ta' rħam.

Fl-1692 il cappella li chien bena fuk il Grotta Beneguas giet imgedd'da fuk il pjanta ta' Lorenzu Gafà.

Fl-1753 żiedulha il cappella ta's-Sagrament.

Fl-eŭŭel ta' Lulju ta'l 1733 giet icconsagrata il cnisja ta'l Grotta m'il Iskof Alpheran.

Fl-1609, f'it-tmintax ta' Ottubru, ħadu ir-reliqŭi m'il cnisja ta'l Capuċcini ta'l Furjana għal hemm.

Fl-1620, id-Duca ta' Mantova Ferdinandu bagħtilhom għadma minn ta' San Paŭl.

Fl-1620, f'il 11 ta Jannar, giet magħmula Colleġġjata ta' l-Ordni.

F'is-sbatax ta' Settembru 1701 il Gran Mastru Perellos tahom li jilbsu il muzzetta seŭda b'is-salib abjad ta'l Cavalieri.

Fl-1788, fi'l 21 ta' Lulju, il Papa Piu Sitta tahom li jilbsu ir-rucchett u il muzzetta infurrata bl-aħmar.

F'it-3 ta' Ottubru ta'l 1807 il Gvern ħa taħt idejh il Grotta.

*(Jissoctaŭ)*

# Għa'n-Nisa.

Bosta ommijiet ijgħallmu l-uliedhom il bniet jiżżejjnu, jilbsu iċ-ċoffi u iż-żagarelli, jidfru la moda, jinżebgħu u jiżżeghilgu, ijdokku il pjanu, il mandolina, ijcantaŭ, jiżfnu, fi ftit cliem il ħŭejjeġ fiergħa u ta'l-lussu collha bla ma jokogħdu jħabblu ftit rashom li jchissruhom ftit f'ix-xogħol ta'd-dar, f'il ħjata u f'il ccina biex meta jiżżeŭŭġu u jmorru f'darhom ma jsibux irŭieħhom f'dic il bixcla cbira li bosta drabi toħlok l-infern jecc ma iġġibx il firda ma' żŭiegħom.

Malli jgħaddu l-eŭŭel ġmiegħi ŭara iż-żŭieġ —il-*luna di miele*— ir-ragel jecc jibda meta jigi m'ix-xogħol ma jsibx x'jiecol imsajjar seŭŭa, jecc jibda jara id-dar makluba ta' taħt fuk u trascurata, jecc jibda jara il ħala ta's-sefturi u jibdgħu jiffaċċaŭ il contijiet ta'd-djun, jibda l-eŭŭel ijkarras ŭiċċu, ŭara ijghemghem u fl-aħħar jibdgħu ix-xenati u it-tgħajjir li jħassru l-imħabba u jbiddlu id-dar f'ħabs jeŭ f'infern l-actar kalil.

Ta' dana jridu jatu cont l-Alla ħafna ommijiet li ma jħejjux l-uliedhom għal pis li jidħlu fih meta jiżżeŭŭġu chif hu dmir tagħhom u tħalli jaħsbu li billi il mara tcun taf tiżżejjen u titchessaħ ma għandha ixxabba il żeŭgħa minnha katt. Dan hu sball cbir ħafna u għalhecc ix-xebbiet għandhom jitchissru tajjeb f'ix-xogħol ta'd-dar biex meta jsibu irŭieħhom fih ma jitfixclux u ma jitnisselx dac il ħafna għaŭġ u nqŭiet li naraŭ spiss f'ħafna djar.

Hejju rŭieħcom dejjem f'il ħajja għall baxx biex jecc issibu rŭieħcom fih tcunu tafu chif għandcom timxu u ma taraŭhx kares, u biex jecc xorticom tieħodcom f'il għoli tcunu tafu għall-ankas chif tħennu u chif taħcmu u ma tħallux l'is-sefturi jircbucom u jiddieħcu bicom għaliex jintebħu li ma tistgħux timxu minngħajrhom u għalhecc jagħmlu bicom dac collu li jridu.

* * *

Jiena biex ingħin ftit il daŭc in-nisa li kiegħdin ijmixxu djarhom bla ma jafu b'iż-żejjed chif sejjra naticom xi ftit tagħlim li għallmitni il ħajja jeŭ li ġbart minn fuk l-aħjar cotba f'il ħdax il sena li ili miżżeŭŭġa b'it-tama cbira li jcunilcom ta' gid u li jnakksilcom bosta spejjes u tleŭŭim f'il familja.

L-eŭŭel studju li cull mara għandha tagħmel f'darha hu (1) chif tibża għall flus; (2) chif tibża għal ħin; u (3) chif tnakkas ix-xogħol. Jecc tagħmel dana l-istudju seŭŭa għandha issib li tista tmixxi darha bla tbatija, bla ma tibka irsira il ġurnata chemm hi tŭila u bla ma tiċċappas b'id-dejn. Jiena għandi dar cbira, ragel u żeŭġ ulied li ma nibgħathomx scola, nagħmel collox jien bla seftura saħansitra il ħasil, il mogħdija, il ħjata u nimmonta il cpiepel tiegħi ucoll, u insib il ħin li nagħmel passiġġata cull jum b'it-tfal, li noħroġ xi ġurnata f'il gimgħa jeŭ tnejn f'il campanja, li nakra, li nicteb għa'n-« Naħla » u li norkod tmien siegħat cull jum.

Dac collu li nagħmel jiena ma nafx għala ma jistgħux jagħmluh in-nisa l-oħra collha u għala għandec tarahom dejjem imfixclin, dejjem iddisprati, dejjem ma jafux fejn jatn rashom b'uliedhom maħmuġin pesti, bi djarhom li tista tiżra fihom, b'ħafna ħŭejjeġ li jsiru barra u għalhecc b'ħafna spejjes żejjda li minnhom jinbtu it-tiċpis ta'd-djun u l-irvina ta'l familja.

Jecc tkassmu tajjeb il ħin, ix-xogħol u il flus f'dan ma għandcom taslu katt u fi djarcom għandhom ijsaltnu il ftiehim ma'r-ragel u l-acbar tħennija.

*(Jissocta).*

LUCIJA LEVANZIN INGLOTT.

# AKRAU

L-EUUEL TAKSIMA

TA'R=ROMANZ MALTI ORIGINALI

# "IS-SAHHAR FALZUN"

TA'

AGOSTINO LEVANZIN

GHALIEX TOGHGOBCOM SGUR.

# TÈ TA CEYLON 'MARAVILLA'

IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI

TAD=DEHEB

GHAL

KAUUA IT=TOGHMA U IS=SAFA TIEGHU

JINBIEGH 1s. 8d. & 1s. 10d. IR=RATAL

GHAND L'AGENTI F'MALTA

## C. CAMILLERI & SONS

50, Strada Mercanti il Belt

CAMPIUNI TA DAN IT-TE' JINTGHATAU B'XEIN.

# BRITANNIA

## STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Ghodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Zebgha, &cc.**

BRITANNIA




BRITANNIA

INJAM

**ta'l ahmar, ta'l abjat, u ta'l caûba.**

**Collox m'il [illegible] u m'il ahjar.**

BRITANNIA


---


Biex tinzammu b'sahhitcom

# IPPURIFICAU

# BIDDLU

# u SAHH'HU

DEMMCOM

BID

# DEPURATIV

# RICHELET

Daŭc collha li jridu jiccuraŭ ŭiehhom u jinżammu dejjem b'saħħitom minngħajr ma jinħakra b'cull xorta ta' mardijiet għandhom jieħdu DARBTEJN jeŭ TLIETA fis-sena minn din ij medicina DEPURATIV RICHELET li jista jingieb minn għand dan is-sinjur:—

Monsieur L. RICHELET, 13, rue Gambetta, SEDAN (Franza).

Haŭn Malta jinstara minn għand **L-Ispizzjar Alfredu Cumbo** ta Strada Rjali, 26 Il Belt.



# Is-Sur Raff: Bonello

## TA' STRADA LEVANTE, 131, IL BELT

(Hdejn il Cnisja ta' Sta. Lucija)

għandu għal bejh cull xorta ta' ħġieġ, żebgħa, żjut, imsiemer, għodod, ħŭejjeġ ta's-Sanità, ta' gass, fornimenti ta't-tŭiebet, lampi ta'l pitrolju li jixilgħu b'il matel b'daŭl kaŭŭi u sabiħ ŭisk u ħafna ħŭejjeġ oħra bħal daŭn ta'l aħjar qŭalità u bi prezzijiet m'il orħos. Ippruvaŭ biex taraŭ chif toħorġu cuntenti sgur.


---


# L = OSSIGENU

li illum hu tant użat f 'il mard, dari chien ijsir fl-ispiżżeriji m'il ispiżżjari stess; iżda sabu li ma chienx joħroġ pur b'iż-żejjed u għalhecc ma chienx jagħmel dac il gid collu li chien ijmissu. Illum it-tifel ta'l Pro Leube ta'l Germanja (dac li ipprepara l-arja liqŭida) sab chif minn dina l-arja liqŭida joħroġ l-

## OSSIGENU PURISSIMU

u saret soċjetà għal cina il ħaġa li kiegħda tforni lill ispiżżjari ma'd-dinja collha b'dana ir-rimedju tant ta' ħtieġa.

HAUN MALTA

ma nafux li għandu minnu ħlief

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

**Ta' Strada Rjali (kuddiem il Club) il Belt.**

u għalhecc cull min ijcollu bżonn ta' dana l-ossigenu pur f 'loc li jokgħod jistenna li jestuhulu fi spiżżeriji oħra jsibu lest għand is-Sur Cumbo pur u bi prezz moderat ħafna.


---




Min hu marid bl-ANEMIJA (nakar ta'd-demm) u jrid ijfiek f'GHOXRIN ġurnata jieħu

**L' ELIXIR**

# TA' S. VINCENS DE PAOLI

Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭh fukhom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħargu jitaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr: Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.


---


# IS=SECLU TA'N=NERVI.

**Hecc sejjaħ is-seclu tagħna il għaref Prof: u Senatur Mantegazza, u b'ir-raġun collu għalex il-lum ma haŭn ħadd li ma hux maħsus b'in-nervi u l-actar b'il mishuta**

## NEVRASTENIJA

**li kiegħda iġġorr nies il Manicomju gozz, gozz. Għalhecc l-aħjar tobba kiegħdin jithabtu biex ijsibu cura seŭŭa għal dina il marda għaliex tcun ta' gid bla tarf. Hafna ippruvaŭ iżda ħadd ma irnexxa daks il ġħaref u imfaħħar**

## Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.

**li ŭara studju cbir sab il famus**

## ANTINEVROTICU

**li kiegħed ijfejjak jeŭ jagħmel il gid lil cull min jużah.**

**F'Malta dan ijbigħu**

**l-Ispizzjar ALFREDU CUMBO**

TA' STRADA RJALI, TA'L BELT

**IPPRUVAŬH GHALIEX MA JIBDIELCOMX !**


In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien, il Furjana.